# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com
Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin

Marzu 2023 Ħarġa Nru 29

Kumitat 2023 - 25

President

Valent Xuereb

Viċi-President

(vakant)

Segretarju

Adrian Schinas

PRO Editur Fuljett

Norbert Gingell

**Teżorier**

Angele Xuereb

Membru responsabbli mill-Attivitajiet

Owen Caruana

Membru

Godfrey Mangion

## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

L-attività li kellna fix-xahar ta' Frar kienet għal darb' oħra sodisfaċenti billi l-attendenza reġgħet kienet numeruża. Il-kumitat organizza din l-attività bil-pass billi it-tliett kappelli, dik ta' San Luqa, ta' San Ġakbu u San Bartilmew jinsabu viċin ta' xulxin.

Kif għidnilkom fil-ħarġa preċedenti ta' dan il-fuljett elettroniku, il-Kumitat beda jaħdem bl-ippjanar ta' attivitajiet sa Ġunju li ġej, meta mbagħad jieqfu l-attivitajiet għas-sajf. Għandu wkoll suġġerimenti ġodda għal attivitajiet meta terġa tibda l-ħidma minn Ottubru. **Billi għad hemm żewġ postijiet vojta fil-Kumitat inħeġġu lil dawk li jixtiequ jagħtu palata fil-ħima tal-Kumitat billi javviċinaw lil xi membru tal-Għaqda sabiex issir il-*co-option* skont l-Istatut tal-Għaqda.**

N. Gingell
*Għal Kumitat*

## KNISTA TA' SANTA MARIJA TAL-INDIRIZZ, ĦAŻ-ŻABBAR



Meta nbniet din il-kappella m'hijiex magħrufa. Dusina fl-1575 ma jsemmi xejn dwara, iżda viżti mill-isqfijiet Gargallo (1600) u Cagliares (1615) juru li din il-kappella flimkien ma' oħrajn li ma ġewx imsemmija minn Dusina kienu diġà jeżistu. Hekk l-isqof Gargallo kiteb li l-kappella kienet għadha kemm inbniet mill-ġdid u tkabbret mid-devoti u bil-ħidma ta' Gaspare Testaferrata mill-Birgu. Gargallo kompla jgħid li l-kappella *"kellha altar wieħed bil-pittura tal-Madonna u kull ma jinħtieġ"*. Achille Ferres kiteb li fl-1627, l-istess Gaspare Testaferrata ħalla xi renti lil din il-kappella.

Din il-kappella hija ddedikata lit-tlugħ ta' Marija fis-sema. Hija l-uniku kappella f'Malta bit-titlu *"Tal-Indirizz"*. Dan l-isem x'aktarx jirreferi għall-Madonna bħala dik li tindirizzana (tmexxina) lejn is-salvazzjoni eterna, però fir-rapport tal-isqofRull (1758-60) hija mniżżla bħala *"tan-Novizz"*.

Din il-kappella għandha marbuta magħha leġġenda li tispjega l-oriġini tal-kappella. Jingħad li fejn illum hemm il-kappella kien hemm ħanut tax-xorb u li fih sar delitt. B'dan id-delitt kien akkużat sid il-ħanut, li kien innoċenti. Huwa għamel wegħda mal

GĦAL AKTAR TAGĦRIF U STEJJER FID-DETTAL TAL-KAPPELLI ŻURU S-SIT WWW.KAPPELLIMALTIN.COM

Madonna li jekk jinħeles mill-akkuża, jibni kappella ddedikata lilha. Il-grazzja nqalgħet u hu żamm kelmtu.

Waqt l-imblokk tal-Franċiżi, minħabba l-perikli li kien hemm, il-kappella bdiet tintuża bħala Parroċċa minflok is-Santwarju minħabba li dan kien ġarrab ħafna ħsarat wara li ntlaqat mill-balal. Minbarra li kien isir il-quddies, saru wkoll xi żwiġijiet.

Il-faċċata tal-kappella hija waħda sempliċi b'bieb wieħed u tieqa tonda ftit 'il fuq mill-bieb. Il-kappella għandha frontispizju żgħir. l-bieb tal-faċċata huwa wieħed li ma jaqbilx mal-kumplament tal-faċċata u li oriġinarjament, taħt is-salib Grieg tal-faċċata kien hemm żewġ toqob li llum huma magħluqa bil-ġebel, u li fihom kienu jiddendlu żewġ qniepen żgħar. Il-kappillan dun Ġużepp Zarb, fil-ktieb '*Żjara lill-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar*' isemmi li kien hemm '*bħal tliet twieqi bil-kolonni*' li fihom kien hemm il-qniepen, u mhux tnejn. Il-kampnar li hemm illum sar fil-bidu tas-seklu għoxrin. It-tlett qniepen li jinsabu f'dan il-kampnar saru fis—sena 1904.



Is-saqaf ta' din il-kappella huwa forma ta' nofs tond (troll) u huwa mibni fuq tmien ħnejjiet. Fuq ġewwa, fejn hemm l-altar tal-ġebel, hemm kappella (apside) fuq l-istess għamla tal-knisja li hija iżgħar u aktar baxxa mill-bqija. Fis-saqaf ta' din l-apside hemm lanterna u fil-ħajt ta' wara l-altar hemm tieqa tonda li tinsab kważi totalment moħbija bil-prospettiva tal-injam li hemm madwar il-kwadru titulari. Fuq kull naħa hemm kamra, oriġinarjament mibnija bħala sagristiji. Fuq il-bieb ta' barra hemm gallarija li wieħed jista' jitla' fiha mill-garigor tal-kampnar.

Fis-snin tmenin inħass il-bżonn li din il-kappella titkabbar. Għalhekk, infetħu żewġ ħnejjiet, waħda fuq kull naħa tal-altar, biex iniffdu il-kmamar fuq kull ġenb tal-apside, mal-bqija tal-kappella.

Għal diversi snin, it-titular ta' din il-kappella kien juri lil Madonna tal-Grazzja bilqiegħda bil-Bambin fi driegħa u li f'idejha qed iżomm globu. Il-figura tal-Madonna kienet inkurunata b'kuruna tal-fidda, b'San Pawl fuq naħa u San Anard, qaddis protettur tal-ilsiera, fuq naħa oħra. Aktar 'l-isfel kien hemm San Ġwann Battista tfajjel, u ktajjen ta' Isir. Fuq wara jidhru żewġ anġli, wieħed idoqq l-arpa u l-ieħor iżomm kuruna ta' ward.



Oriġinarjament dan il-kwadru kien jinsab fil-kappella tal-Madonna tal-Grazzja. Meta l-Gran Mastru Verdala rregala titular ġdid, it-titular l-antik tpoġġa fuq altar fil-ġenb tal-istess kappella.

Aktar tard ittieħed fil-kappella ta' Santa Marija (tal-Indirizz). Minħabba li dan il-kwadru kellu ċertu għożża tqiegħed fuq l-altar maġġur. Sar kwadru ieħor ovali li juri l-Assunzjoni ta' Marija li tpoġġa aktar 'il fuq minn dak tal-Grazzja.

Fl-1860, prospettiva tal-injam li kienet tinsab fil-kappella l-antika tal-Lunzjata inġiebet fil-kappella ta' Santa Marija u tpoġġiet madwar il-kwadru titulari. Minħabba f'hekk il-kwadru ovali li juri 'l-Assunta tneħħa minn postu. Għalhekk, għal aktar minn mitt sena, f'din il-kappella ma kien hemm ebda kwadru fuq l-altar maġġur li jirrappreżenta t-titlu tal-kappella.



**It-Tlugħ is-Sema ta' Marija** (1974)
*Rafel Bonnici Cali (1907-2002)*
*Kappella Santa Marija (Tal-Indirizz) - Żabbar*

Fil-bidu tas-sebgħinijiet tas-seklu għoxrin, it-titular li juri lill-Madonna tal-Grazzja tneħħa minn din il-kappella u tpoġġa fil-mużew tas-Santwarju. Minfloku iżżanżan titular ġdid li tpitter minn Rafel Bonnici Cali fl-1974, dak li hemm illum.

F'kull ġenb tal-kappella hemm niċċa, waħda tad-Duluri b'Ġesù mejjet, bl-oħra ta' Sant' Antnin. Mad-dawra tan-niċċa kien hemm diversi ex-voto (llum fil- mużew tas-Santwarju).











Fil-kappella, barra sett pitturi antiki tal-istazzjonijiet tal-Via Sagra, hemm ukoll ħames pitturi ta' artisti mhux magħrufa : tan-Nativitа̀; tal-Madonna tar-Rużarju; tal-Kurċifissjoni; l-Ecce Homo; u ta San Pietru, illum kollha jinsabu fil-mużew tas-Santwarju. Il-pulptu b'pittura ta' Santa Marija fuqu ttieħed fil-mużew ukoll.

Il-festa ta' din il-kappella tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu. Achille Ferres isemmi li fis-seklu dsatax kien jingħata kolazzjon lil dawk li kienu jattendu għal din il-festa.

Għal żmien twil din il-kappella kienet tintuża biex fiha jsiru lezzjonijiet tat-tagħlim Nisrani, kif għadu jsir sal-lum. Illum din il-kappella tifforma parti miċ-Ċentru Pastorali Santa Marija fi ħdan il-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar.

Il-pittura tat-titular l-antik kienet l-ewwel pittura f'din il-kappella li ġiet irrestawrata. Kellha bżonn restawr qawwi minħabba ħsarat, żebgħa żejda u interventi mhux professjonali li saru fuqha matul iż-żminijiet. Huwa stramb kif insibu ż-żibeġ tal-kuruna tar-Rużarju fl-id ix-xellugija ta' San Pawl. X'aktarx ġew miżjuda fil-bidu tas-sbatax-il seklu meta bdiet tikber id-devożżjoni lejn ir-Rużarju.

Ħaġ'oħra nteressanti hu kif il-figura ta' San Pawl f'din il-pittura kienet misinterpretata matul is-snin. Fil-viżti pastorali ta' bejn l-1634 u l-1759, din il-figura kienet meqjusa li tirrapreżenta lil San Ġużepp, sal-1862 beda jitqies li kien San Żakkarija, filwaqt li fl-1866 beda jitqies li kien San Pietru. Fil-viżta tal-isqof Davide Cocco Palmieri tal-1686 insibu li l-pittura kienet imżejjna b'żewġ kuruni tal-fidda, waħda fuq ras il-Madonna u l-oħra fuq ras il-Bambin.

Fil-viżta tiegħu fl-1866 il-monsinjur Felix Cutajar, id-delegat tal-isqof insista li jsir restawr professjonali fuq din il-pittura. Il-libsa ta' San Pawl u l-kolonna ta' ħdejn idu huma l-provi li għandna tal-intervent li kien sar fl-1880 minn restawratur li jġib l-inizzjali G.B. iżda mhux magħruf.

Ir-restawr riċenti wera li kien sar xi restawr ieħor fl-antik inkluż tqegħid ġdid tal-bażi. Kienet intużat żebgħa biex timla' t-toqob tal-materjal li kien iżomm il-pittura. Biċċiet ta' qoton meħjutin flimkien kif ukoll biċċiet ta' kanvas kienu wkoll intużaw xi darba jew oħra fl-interventi varji li kienu saru fuqha. Biċċiet ta' gazzetti kienu ntużaw biex iraqqu l-partijiet imċarrtin, l-aktar fl-ilbies ta' San Pawl, liema parti li kellha l-aktar ħsara. Minn dawn il-gazzetti nafu li dan l-intervent partikolari sar bejn is-snin 1866 u 1880. Ir-riżultat finali tar-restawr wera l-kuluri u disinnji oriġinali. Filwaqt li l-fattizzi u l-kulur fuq wiċċ il-Madonna kienu tqaxxru u ntilfu għal dejjem, dawk ta' San Leonardu u San Pawl għadhom hemm u minnhom nistgħu napprezzaw il-livell artistiku għoli tal-pittur oriġinali.



***Kitba ta' Silvan Spagnol u Noel Ciantar***

*Informazzjoni misluta mis-sit www.kappellimaltin.com*

*Ritratti: G Theuma, L Agius, N Gingell, Internet*

# KNISJA TAL-LUNZJATA, ĦAŻ-ŻABBAR



Il-knisja tal-Lunzjata li naraw illum mhiex xi knisja qadima wisq u lanqas ma fiha xi xogħlijiet kbar artistiċi, iżda hi knisja żgħira b'arkittetura sabiħa u mżżejna b'xogħol sabiħ tal-ġebla. Iżda din mhiex l-ewwel knisja tal-Lunzjata li kien hemm f'Ħaż-Żabbar.

Fil-fatt ma nafux eżatt meta nbniet din l-ewwel knisja tal-Lunzjata. L-ewwel li tissemma' kien fir-rapport tal-viżita tal -Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Dusina fl-1575 fejn jissemma' li f'dan ir-raħal fost knejjes oħrajn isemmi li kien hemm knisja żgħira ddedikata lill-Lunzjata. Din il-kappella kienet devota ħafna t ant li ma pprofanahiex.

Fir-rapport taż-żjara tal-isqof Molina fl-1680, jissemma' li l-knisja ġiet irranġata minn Antonio Napolitano. Ir-rapport ikompli jgħid ukoll li fiha kienet imwaqqfa kongregazzjoni li kienet tieħu ħsieb l-eżercizzi spiritwali. L-isqof Molina josserva wkoll li l-knisja kellha bosta paramenti sagri fosthom kalċi u affarjiet oħra li kienu jintużaw fis-servizzi liturġiċi. Nota importanti li naqraw f'dan ir-rapport tgħidilna li f'jum il-festa, ir-rettur ta' din il-knisja kellu l-obbligu li jagħti tlett tari ikel lill-Kappillan ta' Ħaż-Żabbar u bid-dmir li jiċċelebra tlett quddisiet fis-sena nhar il-Milied. Dan id-dmir sar skont il-għotja ta' Mattew Bonnici fl-atti tan-Nutar Natale Armegiano tat-18 ta' Lulju 1666. Fl-istess rapport naqraw li Ferdinando Bonnici minn Ħal Tarxien waqqaf il-fondazzjoni tal-Vespri u quddiesa kantata f'jum il- festa.

Mal-mixja tas-snin il-qima lejn din il-knisja baqgħet tikber u xhieda ta' dan hija l-vista tal-isqof Paolo Alpheran de Bussan li saret fis-sena 1745. Dan l-Isqof jgħidilna li l-knisja kellha żewġ bibien u kienet kompluta b'kollox. L-Isqof josserva wkoll li l-lampier kien jinxtegħel kull nhar ta' Sibt u fil-festi. L-altar kien tal-ġebel u fuqu kellu l-kwadru tal-Lunzjata li mad-dawra tiegħu kien hemm bosta ornamenti tal-injam. Dawn id-dettalji juruna kemm din il-knisja kienet f'qalb iż-Żabbarin.

Id-devozzjoni lejn din l-knisja kompliet tikber anki fis-seklu dsatax, tant li ġie deċiż li l-knisja l-antika titkabbar. Fit-tieni nofs tas-seklu dsatax il- knisja reġgħet inbniet mill-ġdid. Il-knisja l-antika twaqqgħet, u minflokha tellgħu oħra skont il-pjanta ta' Mastru Toni Carabott. Il-knisja l-ġdida tbierket mill-Vigarju Ġenerali il-Kanonku Filippo Amato fit-22 t'Ottubru, 1861.



Il-faċċata ta' din il-knisja hi żgħira imma kompluta b'żewġ kampnari, bil-frontispizju u koppla. Fil-parti t'isfel l-imgħallem li fassalha uża pilastri ta' stil Joniku, filwaqt li fiż-żewġ kampnari uża pilastri ta' stil Korint. Dawn il-kampnari huma wkoll kompluti bil-qniepen tal-bronż li meta saru, saru bil- ħsieb li jindaqqu biex isejħu liż-Żabbarin biex jinġabru hawnhekk biex jitolbu lill-Madonna.

Minn ġewwa, il-knisja tal-Lunzjata hi mibnija fuq numru sabiħ ta' pilastri fuq stil Joniku li fuqhom idur il-gwarniċun tal-knisja. Wieħed jieħu gost jara li l-kapitelli, li fihom ħafna xogħol, għadna narawhom fl-istat oriġinali tagħhom, kif saru aktar minn mitt sena ilu. Fortunatament dawn qatt ma ġew mizbugħa jew indurati u għalhekk id-dettalji għadhom kollha hemm.



Minn fuq il-gwarniċun wieħed jista' josserva is-sekond-ordni ta' din il- knisja li minn fuqha titla' l-koppla li tagħlaq il-knisja kollha. Din il-koppla hi bla dekorazzjoni, u għadna nistgħu narawha fl-istat oriġinali tagħha.



Din il-knisja hija wkoll imżejna b'gallerija tal-injam fejn min fuqha kienet tindaqq il-mużika fil-quddies. Taħt din il-gallerija wieħed josserva kanċell sabiħ tal-ħadid, li qiegħed wara l-bieb ta' barra u li permezz tiegħu wieħed jista' japprezza s-sbuħija arkitettonika ta' din il-knisja meta din tkun magħluqa.

Il-knisja fiha tlett altari u fuqhom insibu tlett prospettivi żgħar tal-ġebel. Għalkemm żgħar huma sbieħ ħafna, u huma mimlija bi skultura fina u ddettaljata. Dan jista' jiġi apprezzat iktar fiż-żewġ altari tal-ġenb, li fihom bosta disinji u simboli skulturati fil-ġebla.



Il-prospettiva ta' fuq il-kwadru titulari hemm kitba li tifforma parti minn din il-prospettiva. Il-kliem bil-Latin jgħid "*Ecce ancilla domini*", "*Hawn hi l-Qaddejja tal-Mulej*", il-kliem li lissnet il-Madonna meta dehrila l-anġlu Gabriel.

L-altari tal-ġnub huma ddedikati wieħed lil San Ġużepp u l-ieħor





lil Sant'Agata. Il-kwadri li nsibu fuq dawn l-altari huma xogħol il-pittur Antonio Zammit, magħmula fuq it-tmexxija ta' Tommaso Madiona. Fuq dawn il-kwadri hemm aktar skultura fil-ġebel marbuta ma' dawn iż-żewġ qaddisin.

Ħdejn il-kwadru titulari wieħed jista' josserva żewġ kwadri qodma wieħed tal-Madonna tar-Rużarju u ieħor tal-Madonna bil-Bambin. Dawn il-kwadri li jidhru li huma qodma ħafna u allura jista' jkun li kienu fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata.

Il-knisja tinsab fi stat tajjeb u tkun miftuħa kuljum. Tintuża wkoll għal xi laqgħat, kif ukoll għal xi funzjonijiet bħal dawk ta' Ħadd il-Palm u tal-bidu tar-Randan.

***Kitba ta' Tony Terribile***

*Informazzjoni misluta mis-sit www.kappellimaltin.com*

*Ritratti: G Theuma, L Agius, N Gingell*

## L-**INKIŻITUR PIETRO DUSINA –** min kien?



Persunaġġ li hu marbut mall-istorja Ekklesjastika Maltija huwa bla dubju ta' xejn Pietro Dusina li jibqa mfakkar għar-rapport estensiv u dettaljat tal-ħajja soċjali u reliġjuża Maltija tat-tieni nofs tas-seklu 16 .

Imma min kien dan Dusina? Għalfejn ġie f' Malta? X'għamel matul il-perjodu qasir li dam f'Malta? X'sar minnu wara li telaq minn Malta? .

Monsinjur Pietro Dusina twieled f'Brescia, kiseb Dottorjat fit-Teoloġija u ieħor fil-Liġi Ċivili u Ekklesjastika. Minn Ruma ġie mogħti t-titlu onorifiku ta' Protonotarju Appostoliku.

Kien magħruf għall-għerf u l-għaqal tiegħu. Fl-1572 insibuh Vigarju tal-Kardinal Carafa, l-Isqof ta' Napli, imma kellu jitlaq minn hemm f'Marzu 1573 wara li daħal f'biċċa nkwiet. Mar Ruma u wara sena u tliet xhur intbagħat Malta . Wasal nhar il-Ħadd t'Awwissu 1574.


GM La Cassiere


Isqof Martin Royas

L-Inkwiżizzjoni f'Malta tmur lura sal-medjuevu iżda kienet differenti. Sal-wasla tal-Kavallieri f'Malta, il-poteri tal-Inkiżitur kienu f'idejn l-Isqof lokali. Minħabba tilwim kontinwu bejn il-Gran Mastru La Cassiere u l-Isqof Royas, il-Papa Girgor XIII ħareġ brevi appostoliku, datat 3 ta' Lulju 1574, fejn innomina lil Monsinjur Dusina bħala Inkiżitur ta' Malta . Għal bidu għex ftit il-Belt Valletta, sakemm l-Ordni tagħtu l-bini tal-Kastellana fil-Birgu, fejn meta kienu għadhom il-Birgu qabel ma telqu l-Belt ġdida kellhom l-qorti. Billi l-post ma kienx adattat għal funzjoni ta' Inkiżitur, sakemm itranġa u tlesta, għamel żmien fil-kastel ta' Sant' Jiermu, il-Belt, kif ukoll xi żmien fil-kunvent tad-Dumnikani fil-Birgu.

Dusina ma tantx dam f'Malta u beda jisma l-każijiet imressqa quddiemu f'Awwissu 1574 u l-aħħar każ f'Gunju 1575. Il-każijiet kienu l-aktar dwar ereżiji. L-aktar każ magħruf kien daf tas-saħħar Mattew Falson, iben il-ħakem tal-Imdina. Mhux il-lok li nidħlu fil-każ imma r-riżultat kien li minħabba kemm Mattew u Wenzu Falson , wara li ħassewhom li setgħu jiġu arrestati, dawn ma dehrux aktar. Billi Dusina ma sabx mezz kif jaqbad lil Mattew u Wenzu, għamel xorta l-proċess imma *in abstentia*. Dawn ġew mixlija b'tixrid ta' ereżiji u s-sentenza kienet li nofs il-propjetà ta' Mattew għaddiet f'idejn is-Sant Uffizzju, in- nofs ieħor mar għand il-Gran Mastru. Hu magħruf li l-oqsma magħrufa bħala L-Għajn il-Kbira, qrib il-Girgenti, kienu l-aħjar propjetà ta' l-Inkiżitur. Minn naħa tiegħu l-Gran Mastru rregala l-parti tiegħu lil-Assemblea tal-Kappillani Konventwali.

Dusina ma kienx biss Inkizitur imma wkoll irċieva brevi papali biex jagħmel vista appostolika. Il-vizta bdiet fil-21 ta' Jannar u baqgħet sejra sat-12 ta' Marzu 1575. Huwa kien akkunpanjat mill-Vigarju Ġenerali Don Antonio Bartolo, Kappillan taż-Żurrieq u d-Dumnikan Patri Damian Taliana. Din il-vizta appostolika hija kkunsidrata bħala ġrajja kbira fl-istorja kemm ekklesjali kif ukoll soċjali ta' Malta u Għawdex. Huwa żar kull parroċċa , kull kappella, kull raħal ta' dak iż-żmien f'Malta u Għawdex. B'kollox żar



430 knisja u kappella, li minn dan it-total iddekonsagra 59, 13 minnhom f'Għawdex. Ħalla għal proserità rapport mimli informazzjoni u dettaljat ta' kull ma ra, sab u ordna, għax kull fejn mar ta struzzjonijiet sabiex jissewwew kappelli, oħrajn jiżżarmaw jew jingħalqu għal dejjem, oqbra jinbnew u insista fuq it-tindif ġol-knejjes / kappelli. Ir-rapport hu tant mimli informazzjoni u dettalji li kważi hu impossibbli li riċerkatur tal-istrorja ta' Malta tat-tieni nofs tas-seklu 16 ma jirreferiex għalih.


Paġna mir-rapport

Filwaqt li r-rapport oriġinali ġie ppreżentat lil Papa, b'xorti tajba hawn f'Malta tliet koppji b'xi varjazzjonijiet bejniethom. Wieħed jinsab fl-Arkivji tal-Inkizizzjoni ta' Malta, ieħor fl-Arkivji tal-Kurja, u it-tielet fil-Bibjoteka Nazzjonali ta' Malta. X'aktarx li hawn koppji oħra għand persuni privati. Fis-sena 2001 l-Università ta' Malta ppubblikat dan ir-rapport, grazzi għal ħidma tal-Professur Stanley Fiorini u Patri George Aquilina O.F.M., fejn anke inkludew appendiċi, indiċi u glossarji.

Fil-konklużjonijiet tiegħu, barra li semma il-qagħda soċjali ta' Malta, Dusina kiteb li kien hemm bżonn ta' preparazzjni aħjar għas-saċerdoti, il-bżonn ta' Seminarju, u li dawn il-qassisin, patrijiet u l-poplu in generali kienu qed jgħixu fil-miżerja.

Dusina ħalla Malta għal Ruma fit-12 ta' Gunju 1575. L-aħħar informazzjoni li wieħed isib fuqu hi li sas-sena 1577 kien għadu Ruma. Imbagħad ma jinstema xejn aktar dwaru. Wara Dusina inħattru 61 suċċessur, li għoxrin minnhom laħqu Kardinali u l-oħrajn Isqfijiet. Ta' minn jgħid li żewġ Inkiżituri li servew f'Malta , barra li laħqu Kardinali, spiċċaw ukoll Papiet. Dawn kienu: Fabio Chigi li ħa l-isem ta' Papa Alessandru VII u Antonio Pignatelli li sar Papa Innoċent XII.


Il-firma ta' Dusina

Sfortunatament ma tinstab l-ebda pittura ta' Dusina, la f'Malta u l-anqas fl'Italja.

***Kitba ta' N Gingell*** *Ritratti: mill-Internet*

*Informazzjoni misluta minn diversi sorsi mill-Internet*